IR-RABAT

## *KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa F55**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin

**It-Tnejn 18 ta' Frar 2013 fis-7.00 p.m.**

**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Manicaro | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F53**

1.01 Is-Sindku Alexander Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F53 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-minuti gew approvati. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha F53

**2.00 Korrezzjonijiet F53**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. Korrezzjonijiet F53

**3.00 Punti li johorgu mill-Minuti F53**

3.01 3.02 Is-Sindku Alexander Craus nforma l-laqgha li x-xoghlijiet ta' tisbih go sqaq nru.5 Triq Bir ir-Riebu kienu tlestew. Xoghol ta' tisbih go sqaq Nru.5 Triq Bir ir-Riebu

KUNSILL LOKALI IR-RABAT

8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li *item* 5 jigi diskuss qabel l-*items* l-ohra peress li minhabba mpenji ohra ma setghax jibqa` ghal-laqgha kollha. Il-Kunsill approva.

**5.00 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

5.01 Il-Kunsillier Rudolf Grima saqsa meta kienu ser jinbdew ix-xogholijiet ta' asfaltar f'Old Zebbug Rd.

Xoghol ta' asfalt f' Old Zebbug Rd.

Is-Sindku wiegeb li Old Zebbug Rd hija l-ewwel wahda fil-lista ta' toroq li qed nistennew li jinbdew mil-kuntrattur *Central Asphalt* pero minhabba li l-kuntrattur bhalissa jinsab impenjat b'xogholijiet ohra tal-gvern centrali ghadu ma taniex data meta ha jibda dawn ix-xogholijiet

.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jigi skuzat fis-7.50p.m

5.02 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li d-dawl ta' Gnien Bir l-Iljun qed jixghel matul l-gurnata u ghalhekk talab li jintbghat elektrixin sabiex jiccekja *t-timer*.

Id-dawl ta' Gnien Bir l-Iljun

** Il-Kunsillier Nazju Cassar dahal ghal-laqgha fis-7.55 p.m.

5.03 Il-Kunsillier Odette Manicaro nfurmat l-laqgha li l-Hamis 14 ta' Frar il-latrina tan-nisa ta' Bir l-Iljun kienet maghluqa.

Ilment dwar l-latrina ta' Bir l-Iljun

Is-Sindku qal li sfortunatament fil-latrini qed jitwettqu diversi atti vandali u ghalhekk jista ikun li xi hadd ghalaq il-bieb tal-latrina apposta

5.04 Il-Kunsillier Odette Manicaro nfurmat l-laqgha li fil-latrina ta' Santa Rita mhux qed ikun hemm *toilet paper*.

Ilment dwar il-latrina ta' Santa Rita

Is-Sindku ghamel referenza ghal dak li kien ghadu kif qal dwar l-atti vandali u zid jghid li b'irresponsabilta' ta dawk li jaghmlu uzu mil-latrini dawn qed jitfghu it-*toilet paper* shih fit-*toilets.*

5.05 Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li terga issir verifika mil-perit tal-Kunsill tax-xogholijiet li saru fi Triq l-Mithna u partijiet minnTriq Doni l-Qadima minhabba li partijiet mit-tarmak diga qed jinqala.

Xogholijiet ta' asfalt li saru fi Triq l-Mithna u partijiet minn Triq Doni l-Qadima.

Is-Sindku qal li hu kien diga tkellem mal-kuntrattur *Central Asphalt* sabiex dawn il-partijiet jergghu jigu asfaltati mil-gdid.

5.06 Il-Kunsillier Nazju Cassar nforma l-laqgha li hemm ammont kbir ta' skart goff mormi *Chadwick Lakes.* Il-Kunsill qabel li wara li jingabru l-kwotazzjonijiet mehtiega tinkera gaffa sabiex jitnehha dan l-iskart.

Skart goff go *Chadwick Lakes*

5.07 Il-Kunsillier Nazju Cassar qal li Gnien Fieres kien hemm bozza li tnehhiet mill-Korporazzjoni Enemalta minhabba li kienet tqactet bir-rih u ma regetx saret.

Bozza Gnien Fires

5.08 Il-Kunsillier Nazju Cassar nforma l-laqgha li taht l-knisja tal-Imtahleb kien waqa hajt tas-sejjieh.

Hajt ta-sejjieh iwaqqa gewwa l-Imtahleb

## 4.00 Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza

4.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li xi familji li joqghodu fi Triq Beninju Zerafa, Ghar Barka, ilhom ghal diversi xhur jilmentaw li minn meta sar l-asfaltar tat-toroq t'Ghar Barka dawn qeghdin jintlew bl-ilma. Hu kompla billi qal li ghalkemm it-triq imsemmija kien sarilha l-qlib u spralli adekwati xorta wahda dawn il-familji baqaw jafaccjaw il-problemi ta' gharar wara kull maltempata.

Is-Sindku qal li l-parir tal-perit tal-Kunsill kien li jsir sprall fond biex b'hekk ikun jista ilahhaq aktar mal-ilma tax-xita. Wara li pprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-pjanti u l-istima tax-xogholijiet hu ppropona li l-Kunsill joqghod fuq il-parir moghti mil-perit. Il-Kunsill qabel unanimament.

Sprall gdid fi Triq Beninju Zerafa.

4.02 Is-Sindku Alexander Craus ppropona li ssir *extensive patching* go Wied l-Buzbiez, il-Gnien tan-Nigra, Tas-Serena, Tan-Narcis u ta' Koronja. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel.

*Extensive patching* go Wied l-Buzbiez, il-Gnien tan-Nigra, Tas-Serena, Tan-Narcis u ta' Koronja.

4.03 Is-Sindku Alexander Craus irringrazzja lill-Perit David Vassallo ghall-intervent tieghu sabiex setghu jigu asfaltati, minnTransport Malta, parti minn Triq Had-Dingli u parti minn Vjal il-Haddiem.

Ringrazzjament lill-Perit David Vassallo – Transport Malta

## 6.00 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet

6.01 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 218 tigi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech.

L-iskeda tal-hlasijiet numru 218

## 7.00 Aggornament

7.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 6 ta' Marzu 2013 fis-7.00 p.m.

Aggornament

7.02 Il-laqgha ntemmet fil-9.00 p.m

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Ezekuttiv**